Qorti tal-Appell
(Kompetenza Infejuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 7/2011AE

**Michael Zammit**

**Vs**

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta**

Il-Gimgha, 27 ta' Novembru 2015.

L-appell ipproponietu l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tad-19 ta' Frar 2015. Fil-parti dispozittiva nghad:-

*"Ghaldaqstant, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ewwel aggravju tar-rikorrent, jilqa' t-tieni aggravju fit-termini enuncjati iktar 'il fuq f'din id-decizjoni b'dan illi jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita' intimata datata 2 ta' Awissu 2011 ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-imposizzjoni ta' punti penali ghal difetti fil-parking brakes (20 punt), fis-service braking system (100 punt) u li l-VRT station ma nzammitx nadifa u sigura (30 punt) u konsegwentement anke fir-rigward tal-elf (1000) punt ta' penalita' addizzjonali imposti ai termini tal-Partita 26 tat-Tnax-il Skeda tal-Avviz Legali 43 ta' l-2008 kif vigenti fiz-zmien li nharget id-decizjoni mpunjata"*.

L-appellat Zammit ghandu stazzjon ta' testijiet tal-vetturi gewwa x-Xaghra, Ghawdex. Permezz ta' ittra datata 2 ta' Awissu 2011 (fol. A) gie nfurmat li kellu diversi nuqqasijiet u l-Awtorita' mponiet b'kollox 280 punt penali u 1000 punt iehor skond ir-regolamenti tal-Ligi Sussidjarja 65.15 (*Testijiet biex Jiccertifikaw li vetturi bil-mutur huma tajba ghat-Triq*).

L-aggravji tal-Awtorita' huma:-

1. It-Tribunal irrevoka 100 punt penali fir-rigward tas-*service braking system* minghajr motivazzjoni. Inoltre, fl-appell mid-decizjoni tal-Awtorita, l-appellat ma nkludiex ilment dwar din il-penali.
2. It-Tribunal irrevoka 30 punt penali li kienu gew imposti ghaliex il-post ma nzammx nadif, l-appellanti pprezentat provi dwar l-istat hazin li l-post kien qieghed jinzamm fih. Inoltre, fl-appell mid-decizjoni tal-Awtorita, l-appellat ma nkludiex ilment dwar din il-penali.

L-appellat wiegeb:-

1. L-Awtorita' m'ghandhiex dritt ta' appell. L-Artikolu 22 tal-Kap. 490 ma japplikax ghal kaz in ezami. Id-dritt ta' appell dahal fis-sehh permezz ta' l-Avviz Legali 43 tal-2008 fejn permezz tal-Artikolu 9 ta' dak l-Avviz Legali il-Parti IV tar-regolamenti principali (Ligi Sussidjajra 65.15) giet sostitwita *in toto* u l-Artikolu 22(3) introduca appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) f'certu kazijiet biss. Sussegwentement din il-ligi giet emendata bl-Avviz Legali 90 tal-2010 fejn bl-Artikolu 15 tal-Avviz Legali, l-Artikolu 22 tar-regolamenti principali gie sostitwit *in toto* bl-Artikolu l-gdid li jsemmi d-dritt ta' kontestazzjoni quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, izda ma jissemmiex id-dritt ta' appell.
2. Jekk jinghad li appell jista' jsir, din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza biex tiddecidieh. Fl-iskeda li tifforma parti mill-Kap. 490 hemm elenku tal-appelli li din il-qorti ghandha l-kompetenza li tisma' u tiddeciedi. Ir-*Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw Li Vetturi Bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq* (Ligi Sussidjarja 65.15) ma jissemmewx fl-Iskeda.
3. Fil-meritu l-appellant m'ghandux ragun:-

(a) Fir-rigward tas-service braking system it-Tribunal spjega li dan it-test kien ghadda u ghalhekk naqqas il-mitt punt penali (ara dik il-parti ntitolata *Breaking efficiency % Service*). L-ispjegazzjoni tat-Tribunal hi cara.
(b) Ghalkemm hemm penali li l-appellat ma semmiex espressament fir-rikors promotur, ir-rimedju li talab hi sabiex it-Tribunal *"…. Jirrevoka in toto d-decizjoni tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta tat-2 ta' Awissu 2011 fuq indikata"*. Il-proceduri quddiem it-Tribunal huma ta' natura sommarja (Art. 3(b) tal-Kap. 490) u t-Tribunal hu awtorizzat jirregola l-proceduri tieghu (Art. 15(8) tal-Kap. 490). Inoltre m'hemm xejn fil-ligi li jwaqqfu lit-Tribunal jew lill-appellanti milli jissollevaw punti *ex officio*

Konsiderazzjonijiet:-

1. L-appellat isostni li l-Awtorita' ma kellhiex dritt ta' appell. Skond l-Artikolu 22(1) tal-Att dwar it-Tribunal Ghal Revizjoni Amministrattiva (Kap. 490):

   *"Kull parti fil-proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li thoss ruhha aggravata b'decizjoni ta' dak it-Tribunal* ***tista' tappella*** *quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza taghha superjuri jew dik inferjuri".*

   Jidher ghalhekk li l-principju hu li **kull** decizjoni ta' Tribunal ta' Revizjoni tista' tigi appellata. Il-qorti ma taqbel xejn mal-argumenti tal-appellat b'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni (fol. 138). Id-dritt ta' appell mid-decizjoni tat-Tribunal ma jigix determinat a bazi ta' paragun bejn dak li kien jipprovdi regolament 22(3) tal-Ligi Sussidjarja 65.15[1] u x'jipprovdi r-regolament 22 llum tal-istess ligi sussidjarja. Ghalkemm kif

[1] Ara avviz legali 43 tal-2008 li f'regolament 9 kien jipprovdi li hemm dritt ta' appell.

inhu llum ir-regolament 22 ta' din il-ligi sussidjarja ma jsemmix dritt ta' appell, ma jfissirx li m'hemmx tali dritt. Id-dritt ta' appell jirrizulta mill-Artikolu 22(1) tal-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni.

Il-problema hi li l-ligi ma tghidx liema hi l-Qorti tal-Appell kompetenti sabiex tisma' l-kaz. F'dan ir-rigward l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 490 jipprovdi:-

*"Il-komptenza tal-Qorti tal-Appell biex tisma' u tiddeciedi appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tkun dik stabbilita fit-Tieni Skeda".*

Fit-Tieni Skeda tal-Kap. 490 hemm lista ta' ligijiet u ligijiet sussidjarji u l-Qorti tal-Appell kompetenti sabiex tisma' l-appelli. Madankollu l-Ligi Sussidjarja 65.15 ma tissemmiex. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-appellat li peress li l-Ligi Sussidjarja 65.15 ma tissemmiex fit-Tieni Skeda dan ifisser li m'hemmx dritt ta' appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. L-Artikolu 22(2) u t-Tieni Skeda ma jitrattawx id-dritt ta' appell izda semplicement liema hi l-Qorti tal-Appell kompetenti sabiex tisma' l-appell.

2. Dan kollu jfisser li sal-gurnata tal-lum il-Ministru tal-Gustizzja ghadu ma pprovdiex permezz ta' regolamenti, setgha li ghandu bl-Artikolu 22(3) tal-Kap. 490, liema hi l-Qorti tal-Appell kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li jsir taht il-Ligi Sussidjarja 65.15.

   Madankollu l-qorti hi tal-fehma li b'applikazzjoni tal-Artikolu 40(3) tal-Att dwar l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499), l-appell tal-lum ghandu jinstema' minn din il-qorti. Dak il-provvediment jipprovdi li:

   "…. hemm dritt ta' appell skond d-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva minn decizjonijiet tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva taht is-subartikoli (1) u (2) u dak l-appell isir quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)".

   Subartikolu (1) tal-Artikolu 40 jaghti lit-Tribunal il-kompetenza li jisma' u jiddeciedi:

   *"(b) appelli maghmulin minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'ohra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorita".*

   Dan hu proprju dak li ghandna fil-kaz in ezami. Ghalhekk din il-qorti hi l-qorti kompetenti biex tisma' u tiddeciedi dwar l-appell tal-Awtorita.

3. Il-qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-Awtorita:

i. ***Service braking system*** – L-Awtorita' appellanti m'ghandhiex ragun meta qalet li t-Tribunal ma mmotivax id-decizjoni tieghu. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal pagna 11 tad-decizjoni tat-Tribunal, f'dik il-parti fejn hu trattat is-*service braking system*. It-Tribunal ta raguni ghalfejn kien ser ihassar il-penali punti li gew imposti fir-rigward tas-*service braking system*. Mid-dokumenti MZ2 u MZ3 (fol. 35-36), il-qorti taqbel perfettament mar-ragunament tat-Tribunal. Fil-fatt fiz-zewg testijiet li saru fuq il-vettura fir-rigward tal-*Braking Efficiency % Service* hemm il-kelma **PASSED** u r-reading li ta t-test hu iktar mil-limitu li jissemma fl-istess dokumenti. Il-qorti ma tara xejn hazin li t-Tribunal ibbaza d-decizjoni fuq ir-rizultat tat-testijiet li saru. Ghalhekk dik il-parti tad-decizjoni tal-Awtorita' fejn jinghad: *Service braking system failed*[2], m'hijiex korretta.

Ghalkemm hu minnu li fir-rikors promotur l-appellant ma semmiex espressament is-*service braking system*, madankollu mir-rikors hu evidenti li l-appellat kien qieghed jikkontesta d-decizjoni kollha tal-Awtorita. Tant hu hekk li talba lit-Tribunal kienet:

*"Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet u* ***ghal dawk ir-ragunijiet kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors****, l-esponenti qed jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu* ***jirrevoka in toto d-decizjoni tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta*** *tat-2 ta' Awissu 2011 fuq indikata"* (enfazi tal-qorti).

Ghalhekk m'hijiex korretta l-appellanti meta qalet li 'l fatt li fir-rikors promotur ma ssemmietx il-penali mposta fir-rigward tas-*service braking system*, allura jfisser li: *".... l–appellat stess kien qieghed jaccetta din id-decizjoni tal-Awtorita' appellanti"*.

ii. *Kundizzjoni li fih inzammet il-VRT station*[3] – fil-fehma tal-qorti l-aggravju tal-Awtorita' hu gustifikata. Mir-ritratti esebiti (Dok. LA1 u LA2) u xhieda ta' Lino Abela[4], it-Tribunal kellu jasal ghal konkluzjoni li effettivament l-istazzjoni tal-VRT ma kinitx nadifa[5]. Verzjoni li ma gietx kontradetta mill-appellat. Ghalkemm fit-twegiba ghar-rikors tal-appell l-appellat allega li *'jissuspetta'* li l-ispetturi kienu iktar mohhom kif ser izidu l-punti penali, din hi biss allegazzjoni bazata fuq suspett. Ghalhekk m'ghandha l-ebda valur probatorju. Ir-ritratti esebiti juru li l-istazzjon tal-VRT ma

[2] Dok. A a fol. 5.
[3] Ara partita 3 tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 li tistipula penali ta' 30 punt jekk *"L-istazzjon tal-VRT mhuwiex nadif* ***jew*** *mhuwiex sigur……"*.
[4] *"U sibna wkoll li l-VRT station kienet unsafe u unclean; hafna mbarazz u zjut mal-art li m'ghandhomx x'jaqsmu xejn mal-VRT"* (fol. 55).
[5] Avviz ta' Transport Malta lill-appellat (fol. 5).

kinitx nadifa u ghalhekk dak wahdu kien jezigi penali ta' 30 punt skond is-sistema ta' punti ta' penali (Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15).

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-ewwel u tieni eccezzjonijiet tal-appellat.**
2. **Tichad l-ewwel aggravju tal-appellanti li jitratta s-*service braking system*.**
3. **Tilqa' t-tieni aggravju u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal fis-sens li thassar biss dik il-parti fejn hassret it-tletin (30) punt penali li l-Awtorita' mponiet fuq l-appellat minhabba li l-VRT station ma nzammitx nadifa u sigura.**

**Spejjez ta' dan l-appell jinqasmu in kwantu ghal 70% a karigu tal-appellanti u 30% a karigu tal-appellat. Kumplament tal-ispejjez jiqbghu skond ma ddecieda t-Tribunal.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur